# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 349/2015

**Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Mandy Buhagiar**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti, Mandy Buhagiar, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 446675M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli matul il-gurnata tat-18 ta' Frar, 2015 u fil-granet ta' qabel, bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandha, gieghlet bl-awtorita taghha nnifisha, fixklet lil zewgha Richard Buhagiar fil-pussess ta' hwejjgu, jew b'xi mod iehor kontra l-ligi indahlet fi

hwejjgu billi zammitu mit-tgawdija w access tad-dar konjugali w cioe' 'Vela Vista', Blk A, Triq il-Bahhara, San Pawl il-Bahar kif ukoll tal-garaxx li jinsab minus 1 u mmarkat (5);

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija jigu applikati id-disposizzjonijiet tal-artiklu 85(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-19 ta' Gunju, 2015 li biha sabet lill-appellanta hatja tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront taghha u dan fir-rigward tal-bdil tas-serratura tal-bieb tad-dar matrimonjali u ikkundannata ghall-hlas ta' multa ta' hamsin ewro (€50) u ai termini tal-artikolu 85(2) u 377(3) tal-Kodici Kriminali ordnatilha tikkonsenja kopja tac-cavetta tal-bieb tad-dar matrimonjali lil Richard Buhagiar fi zmien gimgha mil-lum taht penali ta' ghaxar ewro (€10) kuljum, ma sabitx lill-appellanta hatja ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-bdil ta' serratura tal-garage Minus 1 u mmarkat 5 u illiberata minn dik il-parti tal-imputazzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mandy Buhagiar, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-1 ta' Lulju, 2015 li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi primarjament tilqa' l-eccezzjoni taghha ta' *ne bis in idem* u kwindi f'dan is-sens tirrevoka s-sentenza appellata u sussidjarjament u bla pregudizzju fil-meritu, tiddikjaraha mhux hatja tal-imputazzjoni dedotta kontra taghha minhabba li r-reat dedott ma kienx pruvat u konsegwentement tilliberaha minn kull htija u piena skond il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet lid-difensur tal-appellanta u lill-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-ewwel aggravju tal-appellant f'dan l-appell jirrigwarda l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* minnha sollevata quddiem l-ewwel Qorti u minnha michud permezz ta' digriet tad-19 ta' Gunju 2015. Dwar din l-eccezzjoni, jemergi fuq citazzjoni tal-Pulizija, l-appellanta kienet mitluba twiegeb ghar-reat taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali u fl-udjenza tas-27 t'April, 2015, ix-xhud tal-prosekuzzjoni ma deherx u l-istess Qorti ghaddiet biex tilliberaha. Wara rikors tal-parti offiza fit-termini tal-artikolu 374(e) tal-Kodici Kriminali fi zmien erbat ijiem mis-sentenza, l-Ewwel Qorti regghet appuntat il-kawza ghas-smiegh ghas-seduta tad-19 ta' Gunju 2015 waqt liema l-appellanta eccepiet din l-istess eccezzjoni li kienet michuda u wara smiegh tal-provi kienet misjuba hatja f'parti mill-imputazzjoni u liberata f'parti ohra;

2. L-appellanta ressqet diversi ragunijiet ghaliex l-Ewwel Qorti ma kellhiex tichad l-eccezzjoni taghha ta' *ne bis in idem* u din il-Qorti tosserva illi s-setgha tal-Qorti li terga tappunta l-kawza ghas-smiegh wara liberatorja fuq nuqqas ta' dehra tal-kwerelant hi moghtija f'dawk il-kawzi fejn it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-offiz. L-arikolu 374 jipprovdi kif ghandhom jitmexxew il-kawzi meta l-azzjoni kriminali tmiss lill-offiz u b'mod partikolari is-subartikoli (3) u (4) jipprovdu hekk:

> 374.(c) Jekk fl-ewwel seduta ma jidhirx il-kwerelant u jidher biss il-kwerelat, dan jista jitlob li jigi liberat;

(d) Izda, fuq rikors tal-kwerelant maghmul fi zmien erbat ijiem minn dak in-nhar tat-thassir tal-kawza jew tal-liberazzjoni tal-kwerelant mahlufa quddiem ir-registratur, li twettaq illi, minhabba mard jew xi hag'ohra indipendenti mill-volonta' tieghu, fir-rikors imsemmija espressament, hu ma setax jidher, il-qorti taghti gurnata ohra ghas-smigh tal-kawza fuq l-istess atti;

3. Ir-reat ravvizat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali jinsab taht it-sub-titolu intestat Fuq Min Jiehu f'Idejh Bla Jedd l-Awtorita' Pubblika u s-Setghat li Bihom Hija Tinqeda li jaqa' taht it-Titolu III intestat Fuq id-Delitti Kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet Pubblici Ohra. Dan id-delitt ma jiddependix ghat-tmexxija tieghu mill-parti offiza u l-kwistjoni odjerna tmexxiet mill-Pulizija u mhux mill-parti offiza. Ghalhekk meta l-ewwel Qorti lliberat lill-appellanta fl-ewwel dehra tal-kawza, jigifieri fis-27 t'April, 2015, ma setghetx tirriappuntaha ghas-smiegh skond id-dispost tal-artikolu 374(d) ghaliex dak l-artikolu ma kienx applikabbli.

4. Isegwi ghalhekk illi l-appellanta kienet processata darbtejn fuq l-istess fatti la darba is-sentenza tas-27 t'April 2015 ghaddiet in gudikat u ghalhekk ghandha ragun fl-ewwel aggravju taghha. Konsegwentement, ma huwiex mehtieg ezami tal-aggravi l-ohra;

5. Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talba tal-appellanta u filwaqt illi thassar is-sentenza appellata, qed tilliberaha minn kull htija u piena.